# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Frar, 2017.**

**Talba Nru: 485/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Cassar Jean Claude**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,161.50ċ) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni magħruf bħala *'Limitless 99'* li ġie prestat lill-konvenut mis-soċjeta' attriċi fuq il-kont bin-numru AC40399895, bl-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja bin-numru 1533/15 tal-10 ta' Settembru 2015, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-istess ittra.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet mitluba datat 25 ta' Marzu 2015 (Dok.'A'); kopja tal-kuntratt relattiv (Dok.'B'); estratt mir-Reġistru Elettorali (Dok.'C') u affidavit ta' Charmaine Wiffen (Dok.'D').

Ra li fl-affidavit tagħha, Charmaine Wiffen iddikjarat li hija impjegata fid-Dipartiment tal-*Credit Control* mas-soċjeta' attriċi, u li l-konvenut fadallu jħallas lill-istess soċjeta' s-somma ta' elf, mija, wieħed u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,161.50ċ) għal servizzi prestati lilu minnha sa mill-1 ta' Novembru 2013.

Ra li, għalkemm il-konvenut ġie notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ ta' din il-kawża f'indirizz differenti minn dak li jirriżulta reġistrat fih skond l-estratt mir-Reġistru Elettorali eżibit fl-atti mis-soċjeta' attriċi (fol.6), id-difensur tas-soċjeta' attriċi ikkonferma bil-ġurament[1] li għamel riċerka fir-Reġistru miżmum mill-*Creditinfo* Malta, fis-26 ta' Jannar 2017, minħabba li dan ir-Reġistru huwa aġġornat aktar mir-Reġistru Elettorali, u rriżultalu li l-konvenut jinsab reġistrat li jirrisjedi fl-indirizz fejn ġie notifikat b'din il-kawża.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta, u, lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017, Maryanne Camilleri ikkonfermat li l-ammont mitlub b'din il-kawża għadu dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi, bi ħlas tal-prezz ta' servizz tat-telefonija ċellulari prestat lilu fit-termini tal-kuntratt (Dok.'B') eżebit fl-atti proċesswali. Ix-xhud iċċarat li l-aħħar ħlas mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi kien effettwat fil-31 ta' Ottubru 2013, kif indikat f'fol.4 tal-atti proċesswali, u mhux fil-21 ta' Ottubru 2013 kif erroneament indikat f'fol. 2 tal-istess atti.

Ra li fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2017, Melanie Pace għas-soċjeta' attriċi kkonfermat li l-ammont reklamat b'din l-azzjoni għadu dovut lis-soċjeta' attriċi mingħand il-konvenut.

[1] Ara xiehda moghtija fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2017

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenut biex iħallasha s-somma mitluba ta' €1,161.50ċ tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Ikkunsidra wkoll li, għalkemm is-soċjeta' attriċi naqset li tipproduċi fl-atti prova skond il-liġi tal-ittra uffiċjali bin-numru 1533/15 imsemmija minnha fl-Avviż tat-Talba, jirriżulta lit-Tribunal mill-verifiki li għamel fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati li s-soċjeta' attriċi verament kienet preżentat din l-ittra uffiċjali eżekuttiva kontra l-konvenut, liema ittra baqgħet pero' mhix notifikata.

Dwar l-ispejjeż, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi ma kellhiex mod ieħor kif tinforza l-jedd tagħha għall-ħlas, u kienet kostretta tipproċedi kemm bl-ittra uffiċjali eżekuttiva, u anke bl-Avviż tat-Talba, u għalhekk il-konvenut għandu jbati l-ispejjeż tal-istess. Kwantu għall-imgħax, it-Tribunal iqis li billi s-soċjeta' attriċi ma nnotifikatx lill-konvenut bl-ittra uffiċjali, u tenut kont ukoll li d-debitu in kwistjoni kien ta' natura ċivili, l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,161.50ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**